# IT-TEKNOLOĠIJA U T-TRASPORT

Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

ta' Laura Galea,
Assistant Manager
Sustainability & EU Affairs,
L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

tm
Transport Malta



**Iż-żmien itir u ma jistenna 'l ħadd, u hekk ġara wkoll lis-sena skolastika 2022-2023. Għaldaqstant l-appuntament tiegħi magħkom ta' kull xahar jasal fi tmiemu b'dan l-artiklu. Bħala l-aħħar suġġett għażilt li niddiskuti kif it-teknoloġija u t-trasport jimxu id f'id sabiex ikollna futur aħjar, kemm għalina kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna.**

Mela jekk tiftakru fl-artiklu ta' Novembru kont kellimtkom fuq il-karozzi tal-elettriku u kif id-dinja miexja f'dik id-direzzjoni, għax il-karozzi elettriċi ma jaħdmux b'magna tal-kombustjoni iżda b'batterija. Din tgħin sabiex innaqqsu t-tniġġis fl-arja. Insibu mezzi oħra li jaħdmu fuq dan il-kunċett, bħall-karozzi tal-linja, li wkoll tkellimna dwarhom f'dawn ix-xhur. Kif qegħdin naraw l-avvanz fit-teknoloġija qiegħed jgħinna sabiex bħala ċittadini Maltin, Ewropej u li ngħixu fl-istess dinja ntejbu l-ħajja tagħna u fl-istess ħin inkunu qed nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna.

Xi ħaġa oħra li bħalissa l-industrija tal-manifattura tal-karozzi qed tħares lejha hija l-karozzi li jinsaqu weħidhom, li aħna nsejħulhom "autonomous vehicles". Kif jindika isimhom stess dawn it-tip ta' karozzi ma jkollhomx bżonn persuna ssuqhom; għaldaqstant inkunu qed inżidu s-sigurtà fit-toroq. Dawn it-tip ta' vetturi jkunu mgħammra b'teknoloġija li tkun kapaċi taqra u tifhem is-sinjali tat-traffiku, tkun kapaċi tikkalkula d-distanza bejn karozza u oħra, kif ukoll tkun kapaċi tevita l-inċidenti. Dawn it-tip ta' vetturi qed inħarsu lejhom biex ikopru xogħlijiet bħat-tqassim tal-prodotti u s-servizz ta' taxi eċċ. Bħalissa, b'mod speċjali fl-Unjoni Ewropea, qegħdin nesperjenzaw nuqqas kbir ta' nies li jkopru dawn it-tipi ta' xogħlijiet. Mezz ieħor tat-trasport li qed jiġi użat u ttestjat bħalissa huwa d-drone. F'ċerti pajjiżi Ewropej id-drones diġà qegħdin jiġu użati sabiex iwasslu l-affarijiet minn post għal ieħor, pereżempju provisti mediċinali, provisti tad-demm u anki organi li jintużaw biex isalvaw il-ħajjiet tan-nies.

Fi żmien il-pandemija mnalla kellna din it-tip ta' teknoloġija għax stajna nibqgħu nikkomunikaw mal-għeżież tagħna, u stajna wkoll nagħmlu x-xiri tagħna online mingħajr il-bżonn li noħorġu mid-dar. Il-lezzjonijiet tal-iskola xorta baqgħu għaddejjin, u b'hekk għalkemm it-tagħlim ma baqax isir b'mod fiżiku fl-iskejjel, xorta seta' jibqa' jingħata b'mod virtwali. Importanti nsemmu wkoll li minħabba l-użu daqshekk frekwenti tat-teknoloġija qed insiru aktar għażżenin u niddependu ħafna mit-teknoloġija, għax mill-internet nistgħu nsibu dak kollu li niġu bżonn. Dan il-fattur jista' jkun ta' detriment għal saħħitna. Għalhekk għandna nippruvaw dejjem nibqgħu attivi fiżikament b'xi tip ta' attività fiżika, bħall-futbol u ż-żfin. Nistgħu wkoll immorru xi mixja mal-familja jew, jekk ikollna bżonn nagħmlu xi qadja fil-viċin, immorru bil-mixi jew bir-rota u mhux dejjem niddependu mit-teknoloġija jew il-karozza.

Huwa dejjem importanti nżommu f'moħħna li t-teknoloġija, bħal kull ħaġa oħra li teżisti, qiegħda hemm biex tkun ta' sapport għalina u mhux biex niġu niddependu minnha kompletament. Ma ninsewx li wara kull oġġett teknoloġiku xorta hemm il-bniedem, u għalhekk xi darba jew oħra jista' jkun hemm xi ħaġa li tiffunzjona ħażin. B'dan f'moħħna għandna nkomplu nużaw it-teknoloġija b'mod responsabbli ħalli flimkien ikollna ambjent aħjar li fih inkunu nistgħu ngħixu u ngawdu l-familja u l-ħbieb mingħajr qatt ma ninsew ir-rispett reċiproku.

**GRAZZI TA' DAWN IX-XHUR LI QATTAJNA FLIMKIEN PERMEZZ TA' DAWN L-ARTIKLI.**